# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Charlotte Curmi)

Vs

Christopher Mifsud

Illum, 09 ta` April , 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Christopher Mifsud** bin Joseph u Frances nee’ Ellul imwieled fil-05/10/1979 u joqghod Earl’s Court, Flat 1, Triq San Pietru, Fgura detentur tal-karta tal-identita’ numru 484179 M akkuzat talli fil-24 t’ Awwissu 2021 ghall-habta ta’ 12:40 hrs fi Triq Sant Andrija, San Giljan soqt vettura b’ numru ta’ registrazzjoni CEC 031

1. U aktar talli b’ nuqqas ta’ hsieb, bi traskuragni jew b’ nuqqas ta’ hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b’ nuqqas ta’ tharis ta’ regolamenti, ikkagunajt hruq, jew ghamilt xi hsara jew hassart jew gharraqt xi haga, minhabba f’ hekk Maria Jose Pareja Espinosa baghta offiza gravi fuq il-persuna, minghajr il-konsegwenzi msemmijin fl-artikolu 218 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta skont kif iccertifika Dr Nicola Lanfranco MD mill-MDH.

Il-prosekuzzjoni qed titlob l-iskwalifika tal-licenzji tas-sewqan kollha tal-imputat.

Rat id-dokumenti ezebiti mal-tahrika ta' kawza konsistenti f' certifikat mediku rilaxxat min Dr Nicola Lanfranco datat 24/8/2021 u police accident report NPS 6A/N/4465/2021 u affidavit PS 469 J. Buhagiar

Semghet ix-xhieda ta' Maria Jose Pareja Espinosa bil-lingwa ingliza fis-seduta tal-5 ta' Gunju 2023.

Rat li is-seduta tal-5 ta' Gunju 2023 Gie ezebit affidavit mediku Dok B, CCTV Dok C. il-partijiet jaqblu li dok C jigi muri fl-awla. Il-Qorti tinnota li CCTV jikkontjeni numru konsiderevoli ta' filmati u l-Qorti mhux bi hsiebha tara iktar minn ghoxrin filmat biex issib prova u stante li l-proceduri huma sommarji.

Rat li fis-seduta tal-5 ta' Gunju, 2023 il-prosekuzzjoni ghalqet il-provi u l-imputat ghazel li ma jixhidx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikolu 328 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 Sitt skeda;

Rat l-provi, ix-xhieda u d-dokumenti kollha tal-kaz.

Rat li l-kawza kienet differita' ghas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Provi tal-prosekuzzjoni

**PS 649 J Buhagiar** xehed bil-procedura tal-affidavit. Jiddikjara bil-gurament li nhar il-24/08/2021 ghall-habta ta' 12:40 hrs waqt li kien dettaljat xoghol mal-gurnata gewwa l-ghassa tal-pulzija ta' San Giljan, gie infurmat minn gewwa il-kamra tal-kontroll tal-Pulizija illi gewwa Triq Sant Andrija, San Giljan ittajret persuna b' van fejn l-ambulanza tat-taqsima ta' MDH kienet diga issejhet fuq il-post.

Ix-xhud mar fuq il-post fejn ninnota vann ta' lewn abjad tal-ghamla Citroen bin-numru ta' registrazzjoni CEC 031 kif ukoll persuna femminili minduda taht il-parti ta' quddiem tal-istess vettura b' nofs il-parti ta' fuq ta' gisimha il-barra mill-parti ta' quddiem tal-vettura. Minn stharrig fuq il-post, irrizulta li waqt il-persuna femminili kienet qed taqsam minn triq Sant' Andrija ftit il-fuq minn kanuniera u mhux minn fuq zebra crossing, giet imtajra minn van tal-ghamla Citroen ta' lewn abjad li kien ghadu kif hareg minn gewwa Triq San Gorg minn naha ta' Burger King. Ta' min jghid ukoll li l-vittma fuq il-post kient konxja ta' x' qed jigri.

Membri tat-taqsima ta' MDH waslu immedjatament fuq il-post fosthom Dr Michael Spiteri Reg 2666 assisti minn nurses kif ukoll team leaders, fejn mill-ewwel bdiet l-assistenza medika fuq il-post minn naha taghhom. Irraportaw fuq il-post wkoll membri mit-taqsima tas-CPD LARO 26, ARO's 180 u 225 fejn minn naha taghhom taw l-ewwel ghajnuna sabiex il-vittma tkun tista' tinhareg minn taht il-vettura.

Minn passaport kolombjan li instab fil-baskett li kienet qed iggor il-vittma waqt il-hin tal-incident irrizulta li l-vittma kienet certa Maria Jose Pareja Espinosa, passaport kolombjan numru AP718849 u tirrisjedi Swieqi.

Wara li inharget il-vittma minn taht il-vettura, giet mittiehda gewwa t-taqsima ta' MDH ghal aktar osservazzjoni medika permezz ta' ambulanza.

Fuq il-post gie mitkellem ix-xuffier tal-vettura CEO 031 Chris Mifsud I.D. 484179 M fejn minn naha tieghu taha l-verzjoni tieghu.  Minhabba x-xokk li kien jinstab fih, giet imsejjha ambulanza fuq I l-post ftit tal-hin wara, nurse 5136 ezaminat lix-xufier fuq il-post u x-xuffier irrifjuta li jigi mittiehed gewwa t-taqsima ta' MDH ghal aktar osservazzjoni.

Ftit tal-hin wara gie infurmat mit-taqsima tal-MDH illi l-vittma giet iccertifikata minn Dr Nicola Lanfranco li qed issofri minn griehi ta' natura gravi izda ma tinsabx fil-perikolu li titlef hajjietha.

Jiena PS 649 irrapportajt gewwa t-taqsima tal-MDH Orthopedic Ward 3 fejn tkellem mal-vittma u tat il-verzjoni taghha.

Sar sketch tal-kolluzjoni fuq il-post mehmuza mar-rapport. Gew migbura filmati tac-CCTV minn gewwa Alliance Real Estate li jinstab gewwa Triq Sant' Andrija.

**Maria Jose Pareja Espinosa** xehedet fil-5 ta' Gunju, 2023 bil-lingwa ingliza. Fuq l-incident tixhed

> "I think it was August 24th 2021 and i was coming back home from a job interview when I got drove over . . . *omissis* . . .it was St Julians when I got drove over  by a a car and I remember the car hit me and then try to like to go over me until people like no there was more under the car so they let him know and then he backed up people like help me they

called an ambulence for me because I  was not condition to to them the ambulence came they visited me."

Ma tafx min kien qed isuq ghax ma ratx wiccu.   Ix-xhud ikkonfermat li l-isketch ezebit huwa korrett u mmarkat id-direzzjoni ta' minn fejn kienet gejja.  Tixhed fuq il-griehi li garbet u tghid li ghadha tmur ghat-terapija.

Fuq is-sit tal-incident u d-dinamika tal-incident tixhed.

"Adv: Am i correct in stating that you did not cross from the zebra crossing?

Wit: It is correct.

Court: There is a zebra crossing in the vicinity?

Wit: I think that there is one nearby.

Court: In that road you were crossing from?

Wit: Yes.

Adv.: Then correct in stating that you just crossed the road without lookin who was coming?

Wit: No i did look actually.

Adv: And you didn't see the van or the veichle coming?

Wit: I saw the veichle and it was driving that fast but then when i crossed the road it sees like it's speed.

Adv: So you're saying that once you were crossing the road the van just sped up?

Wit: Yeah."

**Ikkunsidrat**

Fl-ewwel lok jigi osservat li l-imputat, li ma xehedx f' dawn il-proceduri ma inghatax id-drittijiet tieghu skont l-ligi dwar il-jedd ta' persuna suspettata bil-kummissjoni ta' reat tkun assistita minn avukat meta taha l-verzjoni tieghu lil Pulzija.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulziija vs Trevor Borg (Appell Nru. 190/2023 CSH) deciza fil-31 ta' Ottubru, 2023 fejn fuq il-materja ta' dritt ta' assistenza legali fil-*pre trial stage* il-Qorti irriteniet is-segwenti.

"Id-dritt ghall-assistenza t' Avukat jew prokuratur legali fi *pre trail stage* ma jiddependi bl-ebda mod jew forma, fuq l-istat ta' vulnerabbilta' tal-akkuzat. Kull akkuzat, vulnerabbli jew le, **ghandu** dritt ghall-assistenza legali u dan sabiex jinghata parir dwar l-istrategija tad-difiza li ghandha tigi segwita. Il-fatt li akkuzat ma giex ippressat mill-pulizija ma jillimitax id-dritt tieghu ghall-assistenza legali. L-assistenza legali hija indispensabbli mhux biss biex tiggieled il-pressjoni mill-pulizija jew kwalunkwe evidenza ohra miksuba bi ksur tal-Konvenzjoni, izda **biex tiddefinixxi strategija ghad-difiza u tadattaha ghal kull incident matul il-procedimenti kollha**. Il-Pulizija hija mistennija li tagixxi skont il-ligi, irrispettivament jekk l-akkuzat ikunx assistit minn avukat jew prokuratur legali *o meno*. L-imgieba legittima tal-pulizija mhijiex argument ta' valur li fuqu jigi ristrett l-ezercizzju ta' dritt tal-Konvenzjoni mid-difiza. Dan l-argument jirrifletti kuncett restrittiv hafna tar-rwol tal-avukat fil-procedura kriminali. Oltre minn hekk, id-dritt li wiehed jibqa' sieket mhux *interchangeable* mad-dritt tal-assistenza legali. **Id-dritt ghall-assistenza legali huwa strumentali fil-protezzjoni effetiva tad-dritt li wiehed jibqa' sieket u kontra s-*self-incrimination***. Il-fatt li akkuzat jigi mgharraf bid-dritt tieghu li jibqa' sieket u l-fatt li ma saritx pressjoni mill-pulizija fuq l-istess akkuzat, m' ghandhom xejn x'jaqsmu mad-dritt proceduralі tieghu li jkun assisstit minn Avukat."

Ghalhekk f' dak li jirrigwarda kwalsijasi dikjarazzjoni ta' Christopher Mifsud lil PS 694 J Buhagiar, din inghatat minghajr it-twissija li ghandu dritt jikkonsulta avukat jew twissija li ghandu dritt li ma jitkellimx jekk jahseb li jista' jinkrimina ruhu. Stante li dawn it-twissijiet ma inghatawx, kwalsijasi dikjarazzjoni mhux ser tittiehed in konsiderazzjoni.

**Ikkunsidrat**

Illi f' dan il-kaz il-prova a dispozizzjoni tal-Qorti hija x-xhieda tal-pedestrian u ta' PS 649. Ic-CCTV footage tal-incident ma giex provdut mill-prosekuzzjoni.

Kemm mix-xhieda tal-pulzija PS 649 J Buhagiar kif ukoll mix-xhieda tal-vittma tal-incident Maria Jose Pareja Espinosa jikkonfermaw li kien hemm *zebra crossing* fil-vicinanzi u li l-vittma ma qasmitx miz-*zebra crossing*.

Fuq kif qasmet u kif qasmet it-triq Maira Jose Pareja Espinosa tixhed u indikat ukoll fuq l-isketch ezebit li gie ikkonfermat minnha li meta hija nizlet minn fuq in-naha tax-xellug tal-vettura. Tixhed ukoll li hija qasmet minkejja li hija rat lil vettura gejja hija qasmet xorta. Tixhed "*I saw the veichle and it was driving that fast but then i crossed the road it seems like it's speed.*"

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulziija (Spettur Silvana Zrinzo Azzopardi) vs Dorianne Camilleri (Appell Nru. 89/2017) deciza fil-28 ta' Frar 2018 wara dahlet fid-dettal tal-gurisprudenza dwar ir-responsabilta' tal-pedestrian fit-triq meta imqabbel ma dawk tas-sewwieqa u ghamlet referenza ampja ghall-diversi sentenzi u guristi dwar dan l-aspett ikkunsidrat

> *"Dak li ghandu jigi stabilit kwindi huwa jekk l-event kienx wiehed fortwit, jew jekk kienx hemm sitwazzjoni ta' emergenza subitanea, tant ghalhekk illi l-event dannuz ma seta' qatt jigi evitat anke jekk bl-ezercizzju gholi ta' diligenza u bl-osservanza tar-regoli kollha tal-imgieba xierqa fit-triq. Sitwazzjoni bhal din certament teskludi kull forma ta' negligenza, imprudenza jew non-osservanza tar-regoli ta' komportament mistennija, fit-termini ta' dak li ifassal l-Antolisei sabiex jistabilixxi l-kolpa."*

Il-Qorti qed tqis li f' dan il-kaz l-accident kien konsegwenza ta' emergenza subintanea kkagunata mill-agir tal-pedestrian li ma qasmitx miz-zebra crossing li kienet bl-ammissjoni taghha stess fil-vicinanzi tal-post, nizlet minn fuq ix-xellug tal-vettura u qasmet meta hija stess kienet qed taraha lil vettura gejja fi triqtha fid-direzzjoni taghha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' Art. 328 (c) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, L.S. 65.18 Art 36B u L.S. 65.18 sitt skeda tal-ligijiet ta' Malta qegħda ssib lil **Christopher Mifsud** mhux ħati tal-imputazzjoni dedotta kontrih stante li ma ġietx soddisfaċentement ippruvata sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberah minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**

**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**